IL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

Illum, l-10 ta' Settembru 2020

**Pulizija**
**(Spettur Anzjan Trevor Micallef)**

**vs**

**Adrian Ene**
**Leonard Tanase**

*Kumpilazzjoni numru: 167/2019*

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijet migjuba fil-konfront ta' Adrian Ene iben Sorinel u Luminiea nee` Ghorge, imwieled Rumanija nhar 06 ta` Awissu 1993, minghajr residenza u detentur tal-karta tal-identita' numru SZ 495837.

Leonard Tanase iben Ghorghe u Maria nee` Tanase, imwieled Rumanija nhar 09 ta` Mejju 1989, minghajr residenza u detentur tal-karta tal-identita' numru SZ 380650.

1. Fejn huma gew akkuzati talli f' dawn il-Gzejjer nhar is-16 ta` Marzu 2019 ghall-habta tat-tlieta` ta` wara nofs in-nhar (03:00p.m) u/jew fil-jiem ta` qabel, gewwa B`Bugia, Hal Ghaxaq, San Pawl il-Bahar u fi bnadi ohra f`dawn il- gzejjer b`diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zmienijiet differenti u li jiksru l-istess dispozzizjonijiet tal-ligi (Art 18 Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

VERA KOPJA

2. B`mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqdew b`qerq iehor, ingannaw, jew urew haga b`ohra sabiex igieghlu titwemen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh bi hsara ta` haddiehor (Art. 308, 42(d) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

3. Huma gew akkuzati aktar talli fl-istess perjodu, bi hsara ta` haddiehor, ghamlu qligh iehor b`qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta` qabel ta` dan is-sub-titolu (Art. 309, 310(c), 42 (d) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

4. Huma gew akkuzati aktar talli fl-istess perjodu approprjaw ruhhom, billi dawwru bi profit ghalihom jew ghal persuni ohra, minn haga ta` haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li sar uzu minnhom specifikat u dan ghad-dannu ta` Tumas Gaming u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra (Art. 293, 42 (d) Kap 9 tal-ligijiet ta` Malta).

5. Huma gew akkuzati aktar talli fl-istess perjodu ghexu hajja ta` ghazz u ta` vagabundagg (Art 338(w) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

Rat l-artikoli pprezentati fl-4 ta' Dicembru 2019, (esebita *a fol*. 119 tal-atti processwali) fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputati taht dak li hemm mahsub;

1. Fl-artikoli 17, 31, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 308 u 42(d) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 309, 310(c) u 42(d) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 293 u 42(d) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikolu 338(w) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;

VERA KOPJA

7. Fl-artikoli 383, tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tad-9 ta' Lulju 2020, l-imputati wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda ta' l-iSpettur Trevor Micallef, PS 1227 Malcolm Pace, Christine Dalli, Francesca Brownrigg, Ilona Schembri u Joseph Bonnici, PC 642 Darren Farrugia, PC 733 Leander Spiteri, PC 459 Ibrahim Hussein, PS1300 Julian Fenech, Victor Agius, Carmelo Mizzi u PC 329 Cliff Sacco Decelis.

Semghet it-Trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-iSpettur Trevor Micallef xehed[1] illi fis-16 ta' Marzu 2019, PS 1227 Malcolm Pace, kien infurmah illi kien arresta zewg Rumeni wara li kien ircieva rapport li wiehed minnhom kien qieghed jhabbat il-bibien tan-nies biex jigbor il-flus ghan-nom ta' persuni b'dizabilita. Meta l-Pulizija marru fuq il-post f'Birzebbugia sabu lil Adrian Ene b'folder u b'karti bil-logos, bil-bandiera Maltija rasha l-isfel. Sabu lil Leonard Tanase fil-vettura bil-pjanci barranin. Ix-xhud gharaf l-imputati fl-awla. Huma gew arrestati u ittiehdet stqarrija minghandhom bl-ghajnuna tal-interpretu wara li kellmu lil avukat taghhom.

Illi xehed PS 1227 Malcolm Pace[2] illi fis-16 ta' Marzu 2019 kien l-ghassa taz-Zurrieq, u ghal habta tat-3.40pm kien gie infurmat mill-Pulizija ta' Birzebbugia illi kienu rcevew telefonata li kien hemm persuna li kien qieghed jitallab il-flus u jhabbat il-bibien ghal donazzjoni. Hu qalilhom biex jmorru go Triq Santa Rita u PC462 u PC 459 sabu lil Adrian Ene ta' nazzjonalita Rumena, li x-xhud gharaf fl-awla. Adrian Ene kellu basket zghir ma' qaddu u clip board file iswed f'idejh, u karti iffirmati bid-donazzjonijiet. L-ewwel indikazzjonijiet urew illi kien qieghed jigbor flus

[1] Fol. 36a et seq.

[2] Fol. 36c et seq.

VERA KOPJA

f'isem assocjazzjoni ghat-tfal b'dizabilita. Il-Pulizija haduh l-ghassa ta' Birzebbugia ghal aktar stharrig u hu mar l-ghassa ta' Birzebbugia fejn sab lil Adrian Ene, lix-xhud gharaf fl-awla u tah id-drittijiet tieghu. Ix-xhud ra l-file li gie ipprezentat u mmarkat bhala Dok MP1[3] u ra illi l-karta li beda jittallab biha kienet qarrieqa ghax il-bandiera ta' Malta kienet rasha l-isfel u kien hemm simbolu ta' persuna f'wheel chair u kien hemm timbru ta' *Handicap International* u kien hemm miktub *L-Assocjazzjoni Nazzjonali ghat-tfal b'dizabilita u tad-diefu muta, tixtieq tiftah centru ma' newsletters nazzjonali u internazzjonal. Jekk joghgbok help us ma' firma tieghek. Grazzi hafna.* Kien hemm madwar seba' firem b'donazzjonijiet differenti li b'kollox ammontaw ghal €120. Zewg donaturi gew identifikati ghax kien hemm in-numru tal-karta tal-identita u dawn kienu Guzeppi Bonnici u Francesca Brownrigg. Ix-xhud kompla jghidli hu ghamel tfittxija fil-basket kannella ta' Adrian Ene, fejn sab kartiera tad-ditta Claudio Felice, lighter, biro, mobile, xi karti, karta ta' Dragonara, id card Rumen u flus euro kif ukoll flus barranin skond kif imnizzlin fir-rapport. Dawn kollha gew ipprezentati u mmarkati bhala Dok MP2. Adrian Ene kien infurmhom illi kellu l-karrozza tieghu pparkjata hdejn il-knisja f'Birzebbugia u hu kien mar mal-kollegi tieghu u sabu l-vettura ta' l-ghamla Golf bin-numru ta' registrazzjoni Germaniza. Kien hemm persuna ohra ta' nazzjonalita Rumena li kien jismu Leonard Tanase li x-xhud gharaf fl-awla u hadhom l-ghassa ghal aktar stharrig. Gewwa l-vettura kien hemm saqqu fuq wara, ammont ta' hwejjeg, muniti li jammontaw ghal €19.21, li gew pprezentati u mmarkati bhala Dok MP3. Kien hemm hmieg enormi gol-vettura li kien jidher li z-zewg persuni kienu qeghdin jorqdu fiha. Ghalkemm ix-xhud ipprova jitkellem mieghu f'diversi lingwi, Tanase ma beda jifhem xejn u ghalhekk ma setax jikomunika mieghu. Ix-xhud nforma lil iSpettur Trevor Micallef bl-arrest w inghata struzzjoni biex jehdohom il-lock up. Huwa kompla jghid li aktar tard marret Ilona Schembri tirraporta gewwa l-ghassa ta' Birzebbugia li dakinhar kien mar ragel jhabbat il-bieb u ommha fethet il-bieb. X'hin nizlet isfel gharfitu mir-ritratt li kien deher fuq social media dwar nies li kienu qeghdin jduru bibien. Hi identifikatu bhala Adrian Ene fejn dan talabha ghal flus u hi irrifjutat u telghet fuq il-bejt u haditlu ritratt. Ix-xhud kompla jghid li Christine Dalli minn Hal Ghaxaq tat stqarrija illi kienet ippostjat ritratt ta' Ene sabiex il pubbliku joqghod attent ghax kien mar jhabbat il-bieb tad-dar, u beda jaghmilha ta' mutu u wrihom bandiera ta' Malta rasha l'isfel u kliem miktubin li ma jghamlux sens. Huma ma

[3] Fol.38



VERA KOPJA

tawhx flus ghax il-boyfriend taghha qalilha li kien ra artiklu fuq it-Times of Malta. Wara mar ghand il-girien u semghuh jitkellem u jitlob il-flus u qalulhom biex ma jaghtuhx flus u hadulu ritratt u postjawh fuq facebook. PS1227 kompla jixhed u pprezenta mobile phone Samsung u muniti li gew immarkati bhala Dok MP4, u kkonferma li r-rapport kien maghmul minnu fl-intier tieghu. Ix-xhud kompla jghid li l-ghada reghhu gabuhom il-lock up fejn kien hemm interpretu prezenti u tahom id-dritt tal-avukat fejn ghamlu kuntatt mal-avukat tal-ghajnuna legali Dr. Fransina Abela u wara ttihdilhom l-istqarrija mill-iSpettur Trevor Micallef fil-prezenza tieghu. Irrizulta illi kienu gew Malta biex isibu xoghol u kienu ilhom erbat ijiem fejn fl-ewwel lejl kienu raqdu f'lukanda u wara kienu qeghdin jorqdu fil-karrozza ghax kien wisq gholi. Giet ipprezentata ukoll cavetta tal-karrozza Volkswagen Golf li kienet ipparkjata f'Misrah il-Knisja Birzebugia mmarkata bhala Dok MP5. Ix-xhud gie muri dokumenti minn foll. 19 sa foll. 22 li hija l-istqarrija fejn ix-xhud gharaf il-firma tieghu, ta' Adrian Ene, Elvira Zerafa u foll. 22 u 23 kien qieghed jaghraf il-firma tieghu, ta' Adrian Ene u xhud tal-firma PC 280. Ix-xhud spjega illi foll. 26 huwa d-dokument tal-ghajnuna legali ta' Leonard Tanase fejn gharaf il-firma tieghu, ta' PC 280, ta' l-iSpettur Trevor Micallef u Elvira Zerafa.

Xehdet Christine Dalli[4], fejn qalghet illi hi toqghod Hal-Ghaxaq u fis-16 ta' Marzu 2019 kienet mal-boyfriend taghha u kien habbat il-bieb u kien hemm xi hadd qieghed jigbor il-flus f'isem NGO ghal persuni b'dizabilita. Hu ma kienx tkellem izda ghamel sinjal u kellu karta f'idejh. Ix-xhud giet muriha dokument li jaghmel parti mill-folder li gharfet bhala l-karta li rat dakinhar. Kienet rat artikolu fit-Times of Malta gurnata qabel dwar dan u lil dan il-persuna ma tawhx flus. Iddecidew li ahjar jehdulu ritratt u jaghmlu rapport lil Pulizija. Ix-xhid kompliet tghid li wara dan ir-ragel kien qieghed jitkellem mall-gar Karmenu Mizzu u qalulu biex ma jaghtihx flus. Huma imbaghad tawh xi haga zghar biex jaljenawh u jehdulu ritratt u cemplu l-ghassa taz-Zejtun fejn il-Pulizija qalulha biex tmur taghmel rapport l-ghassa. Hi ma setghetx tmur dak il-hin izda qaltilhom fejn kien u wara cemplulha li qabduhom. Hi tellghet ir-ritratt ta' Adrian Ene li gharfet fl-awla, fuq facebook biex tavza lin-nies biex ma jaghtuhx flus. Fil-kontro ezami hi qalet li l-hin kien xi 12.30pm u wara li mar ghand il-gar dan ir-ragel telaq l'hemm bil mixi.

[4] Fol. 36j

VERA KOPJA

Xehdet Francesca Brownrigg[5], fejn qalghet illi nhar is-Sibt 16 ta' Marzu 2019 ghal habta tas-1.00pm, kienet id-dar u habbat il-bieb u fethet u sabet persuna li gharfet fl-awla bhala Adrian Ene, li ma kellimhiex imma beda jaghmel sinjali u kellu karta b'siggu tar-roti, fejn hi taghtu €10 u kitbet isimha u l-id card no. Giet murijja Dok MP 1 li gharfet bhala l-karta li kienet iffirmat fuqha. Fil-5.15pm kien cemplilha Pulizija u qalilha biex tmur l-ghassa ghax kellha karta li kienet riferta biex tixhed il-Qorti.

Xehdet Ilona Schembri[6], fejn qalghet illi hi toqghod fuq ommha u fis-16 ta' Marzu 2019 f'xi 3.30pm, semghet lil ommha tghid lit-tifla taghha biex tiftah il-bieb ghax kien habbat xi hadd. X'hin semghet lil ommha titkellem bl-Ingliz, nizlet biex tara min gie, u rat lil Adrian Ene li gharfet fl-awla. Hi ma taghtux donazzjoni ghax ftit jiem qabel kienet rat ritratt fuq facebook tal-akkuzat u gharfitu. F'xi 5.30pm marret taghmel rapport l-ghassa ta' Birzebbugia fejn rat lil Adrian Ene l-ghassa u identifikatu. Kellu clipboard u karta fuqha bil-bandiera ta' Malta u kien hemm erba' ismijiet, firem u ammonti. Hi kkonfermat li dokument MP1 hija l-istess karta li rat dakinhar.

Xehed Joseph Bonnici[7] illi fis-16 ta' Marzu 2019 f'xi 11.15 am kien habbat il-bieb u kien hemm ragel li gharaf fl'awla bhala Adrian Ene. Ma kienx kellmu ghax kien ghamilha ta' mutu, u kien urieh karta f'idejh bil-bandiera ta' Malta u tal-EU u kien hemm xi ismijiet ta' nies li kienu tawh il-flus. Ix-xhud qal lil din il-persuna, li ma setghax jaghtih €10 imma tah €5 u kiteb ismu u kunjomu u ma jiftakarx jekk kitibx in-numru tal-id jew tal-mobile. Ix-xhud gie muri Dok MP1 fejn gharaf ismu u l-id card number tieghu u li kien kiteb hu, ghalkemm l-ammont mhux hu kitbu.

Fid-9 ta' Mejju 2019 xehed PC 642 Darren Farrugia[8], fejn qal illi fis-16 ta' Marzu 2019 ghal habta tat 3.00pm ircevew telefonata Birzebbugia li kien hemm persuna qieghed jhabbat il-bibien biex jigbor donazzjonijiet. Hu, PC 77 u PC iehor li jismu Cliff marru fuq il-post u sabu lil Adrian Ene li gharaf fl-awla, u saqsewh x'kien qieghed jaghmel. Hu qalilhom li kien qieghed jigbor donazzjonijiet ghal persuni b'dizabilita u kellu file f'idejh fejn kien qieghed jnizzel id-donazzjonijiet. Kien hemm kliem bil-Malti u Ingliz li ma jaghmlux sens u l-bandiera ta' Malta kienet rasha 'l isfel u x-

[5] Fol. 36n
[6] Fol. 36q
[7] Fol. 36t
[8] Fol. 46

VERA KOPJA

xhud ikkonferma li kien Dok MP1. Adrian beda jipprova jkellimhom bl-Ingliz u rnexxielhom jifhmu lil xuxlxin. Huma nfurmaw lis-surgent PS 1227 u hadu lil Adrian Ene l-ghassa ta' Birzebbugia. Sakemm kien hemm, ix-xhud qal li kellu jmur jassisti lis-Civil Protection ghax kien hemm nar imma wara mar mas-surgent, PC 733 u PC459 biex jaghmlu search fuq vettura Volkswagen. Din kellha pjanci tal-Germanja, tal-lewn blu u mhux silver kif kien hemm miktub fir-rapport. Kienet ipparkjata hdejn il-knisja f'Birzebbuga xi tlett kantuneiri l'boghod minn fejn kienu sabu lil Adrian. Hemm sabu lil Leonard Tanase li qalilhom li kien qieghed jistenna lil Adrian. Is-Surgent eleva xi boroz bil-muniti zghar. Fil-karrozza kien hemm saqqu, hwejjeg mahmugin u hmieg iehor u deher illi ma kellhomx residenza u kienu qeghin jghixu fil-karrozza.

Illi xehed PC Leander Spiteri[9] fejn qal illi hu kien ghamel ir-rapport (*a fol. 9* tal-process) ma PS 1227 u kien mar ma' PC 642 fuq il-post fi Triq Santa Rita fejn sabu lil Adrian Ene miexi b'file f'idejh li kellha karta bil-firem li x-xhud kkonferma li kienet Dok MP1. Ix-xhud kompla jghid li lil Adrian haduh l-ghassa u kien hemm PS 1227, u marru jaghmlu search fil-karrozza Volkswagen bi pjanci Germanizi, li kienet ta' lewn blu u mhux silver kif kien hemm mnizzel fir-rapport. Kien hemm persuna ohra li gharaf fl-awla bhala Leonard Tanase, u ghamlu search fejn sabu borza bil-muniti.

Xehed Ibrahim Hussien[10] illi f'xi 12.00pm, nhar is-16 ta' Marzu 2019, dahal rapport li kien hemm xi hadd qieghed jitallab ghal flus. Kienu marru l-kollegi u gabuh l-ghassa, fejn l-imputat indika li kellu vettura, u hu kien mar jassisti lil PS 1227, PC 733 u PC 642 bis-search fuq il-vettura Volkswagen bil-pjanci Germanizi. Sabu lil siehbu Leonard Tanase, li gharaf fl-awla, li ma kienx jitkellem Ingliz tajjeb. Fil-karrozza sabu files vojta, hmieg u imbarazz u borza b'muniti zghar. Kellhom anke saqqu u hwejjeg b'hekk dehru li kienu qeghdin jorqdu fil-vettura.

Xehed PC 1300 Julian Fenech[11] illi ikkonferma li hu kien ghamel ir-rapport tal-Pulizija (*a fol. 14*). Fl-14 ta' Marzu 2019 ghal habta ta' 4.30pm, meta kien l-ghassa l-Qawra, kien ircieva telefonata minghand Victor Agius li kien talab l-assistenza tal-Pulizija fejn il-knisja ta' Burmarrad ghax kien hemm persuna li kien dahalu f'daru, u kien qieghed jsegwih fit-triq. Victor Agius

---

[9] Fol. 50
[10] Fol. 52
[11] Fol. 54

VERA KOPJA

qal lix-xhud li kien ghadu jasal id-dar mis-safar mal-mara u tifla minorenni, kien ghadu bil-bagalji f'idejh u kien sema' l-qanpiena ddoqq u hu qabad u fetah il-bieb ghax kienu qeghdin jistennew xi familjari. X'hin fetah ra ragel bil-file f'idejh li gharaf bhala Adrian Ene, u haseb li kien dahal biex jisirqu u mar jikkonfrontah u beda jkellmu bl-Ingliz fejn din il-persuna harbet il-barra. Is-Sur Agius mar jsegwih u spicca hdejn il-knisja ta' Burmarrad. Is-Sur Agius qal lix-xhud li Adrian Ene telaq minn fuq il-post f'karrozza Volkswagen ta' lewn blu bi pjanci barranin, imma hu hadlu ritratt, u ghalhekk ix-xhud hargu bhala persuna wanted fuq is-sistema tal-Pulizija. Jumejn wara l-iSpettur qallu illi l-persuna kienet giet arrestata. Ix-xhud ikkonferma illi PC 312 kien wasslu biss fuq il-post biex jkellem lil Victor Agius u li hu biss kien dahal fl-investigazzjoni.

Xehed Victor Agius[12] fejn qal illi fl-14 ta' Marzu 2019 kien ghadu gej minn barra u wasal id-dar, bejn l-4.00pm u l-4.30pm, gewwa Burmarrad. Cemplet il-qanpiena u peress illi kien qieghed jistenna lil genituri tieghu gejjin, fetah u kien hemm ragel li gharaf fl-awla bhala Adrian Ene, li dahal god-dar u hu beda jkeccieh l-barra. Ix-xhud qal li Adrian Ene kellu file f'idejh imma hu haseb li dahal biex jisirqu. Wara li beda jkeccieh dan telaq il-barra u hu mar warajh u hadlu ritratt fejn Adrian Ene lanqas irritalja u telaq jigri. Ix-xhud cempel lil Pulizija, izda r-ragel dahal f'karrozza Volkswagen sewda bi pjanci barranin, saq u telaq. Ma kien hemm hadd iehor fil-karrozza. Aktar tard ra xi ritratt fuq facebook ta' l-istess persuna li hu kien ghadda ritratt tieghu lil Pulizija, fejn dan ir-ragel kien qieghed jigbor tapparsi ghal persuni b'dizabbilita.

Fit 13 ta' Gunju 2019 xehed Carmelo Mizzi[13] illi kellu garaxx fejn id-dar tieghu f'Tal Qattus, Hal Ghaxaq u kien mar persuna fuqu u kellu xi haga mdendla imma ma kienx kellmu, fejn ix-xhud kellmu bl-Ingliz imma dan ir-ragel baqa' ma wegbux. Ma jitfakarx id-data u lanqas ma gharaf lil hadd fl-awla u ma jiftakarx jekk kienx kelmu xi hadd fuqu.

Illi fit-18 ta' Lulju 2019 xehed PC 329 Cliff Sacco Decelis[14] illi fis-16 ta' Marzu 2019 fit-15.40 hrs dahlet telefonata, illi fi Triq Santa Rita, Birzebbuga, kien hemm persuna titallab ghal flus u donazzjonijiet. Hu u PC 642 marru fuq il-post fejn sabu lil Adrian Ene li gharaf fl-awla. Adrian kellu pouch ma qaddu u clipboard sewda li kellha karta bil-firem u

[12] Fol. 56
[13] Fol. 62
[14] Fol. 98

donazzjonijiet li kienu tawh in-nies li hu gharaf bhala dokument MP1 u l-bandiera ta' Malta li kienet rasha l-isfel. Huma haduh l-ghassa ta' B'Bugia u ma kellux aktar x'jaqsam mal-investigazzjoni ghax kellu jmur l-ghassa taz-Zurrieq.

**Ikkunsidrat**

Illi xehdu diversi persuni li kienu raw lil Adrian Ene jhabbat il-bibien jitlob donazzjonijiet f'isem persuni b'dizabilita. Kellu karta go file li kienet tidher li ma kinitx genwina ghax kellha l-bandiera ta' Malta rasha l-isfel u kliem bil-Malti u bl-Ingliz li ma kienx jaghmlu sens. Diversi nies taw donazzjonijiet u kitbu d-dettalji taghhom fuq din il-karta li nstabet fuq Adrian Ene meta gie arrestat. Huwa gie arrestat wara li kienu dahhlu diversi rapporti min-nies li kienu anke hadu ritratti tieghu, u jidher li Adrian Ene kien lahaq gabar madwar €120. Leonard Tanase gie arrestat ghax instab hdejn il-karrozza Volkswagen, wara li Adrian Ene indikalhom fejn kienet ipparkjatha. Il-karrozza kellha pjanci barranin u kellha saqqu u hafna hwejjeg u hmieg iehor fejn deher illi z-zewg imputati kienu qeghdin jorqdu fiha.

**Ikkunsidrat**

**<u>Dwar l-ewwel (1) imputazzjoni</u>**

Illi l-ewwel imputazzjoni tirrigwarda ir-reat kontinwat skond l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi jirrizulta mix-xhieda illi l-imputat Adrian Ene avvicina diversi persuni, f'diversi lokalitajiet differenti, fejn dan talabhom il-flus taht il-pretensjoni illi qed jigbor flus ghan-nom ta' nies b'dizabilita', u ghalhekk dan ir-reat gie ippruvat sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi fir-rigward ta' l-imputat Leonard Tanase mix-xhieda jirrizulta illi dan **<u>qatt</u>** ma' kien partecipi f'dawn l-atti kommessi mill-imputat Adrian Ene u ghalhekk fir-rigward l-imputat Leonard Tanase din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata.

VERA KOPJA

**<u>It-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni</u>**

Illi l-imputati fit-tieni u t-tielet imputazzjoni huma akkuzati li b'mezzi kontra l-ligi qarrqu u ngannaw sabiex ghamlu qliegh bi hsara ghal haddiehor, skond l-Artikoli 308 u 309, kif ukoll b'komplicita fir-reat skond l-Artikolu 42 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fir-rigward tat-tielet imputazzjoni dik ta' frodi innominata, skond l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati qalet hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra;**[15]

*"Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali."*

Fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Carmela German**[16], il-Qorti ta'l-Appell Kriminali rriteniet:

*"In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby li: "Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bilkonsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'"raggiri o artifizi"– dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; Il-Pulizija v. Francesca Caruana, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer, App. Krim., 3/3/56)."*

*Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe` jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra.*

[15] Deciza fit-2 ta' Frar 2011; Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima

[16] Deciza 30 ta' Dicembru, 2004; Appell Nru.130/2003 per S.T.O. Prim Imhallef Dr Vincent De Gaetano

VERA KOPJA

Illi fir-rigward dawn ir-reati, mix-xhieda moghtija mill-Ufficjali tal-Pulizija kif ukoll minn nies pajzana, irrizulta illi l-imputat Adrian Ene uza dokument li fuqu kien jidher li qed jingabru flus ghal nies b'dizabilita', mentri din l-Assocjazzjoni fil-fatt ma teziztix, u wisq anqas l-imputat ma gie moghti l-awtorizzazzjoni minn xi Assocjazzjoni simili sabiex jigbor dawn il-flejjes f'isimha u ghalhekk jirrizulta li sar l-ingann minn naha tieghu sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' din l-Assocjazzjoni falza. Illi wkoll jirrizulta mix-xhieda illi bi hsara ghal haddiehor, b'qerq, ghamel qliegh ghalih innifsu. Il-Qorti ghalhekk hija konvinta illi l-akkuzi skond Artikoli 308 u 309 gew ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi fil-konfront ta' l-imputat Adrian Ene.

Illi l-imputat Adrian Ene lahaq gabar is-somma ta' madwar € 120 qabel ma' gie arrestat, u ghalhekk il-piena ikkontemplata fl-Artikolu 310(c) hija applikabbli.

Fir-rigward l-imputat Leonard Tanase ma' ngabghet l-ebda prova f'dan ir-rigward u ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi tali akkuzi ma' gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi fil-konfront tieghu.

Dwar il-komplicita' tar-reat skond Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Pulizija vs Anthony Agius**[17] fejn qalet:

*"Illi l-figura tal-komplici tirrizulta kull meta jkun hemm wiehed mill-azzjonijiet indikati fl-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Madanakollu dawn necessarjament iridu jkunu marbuta mal-kummissjoni ta' xi reat. Dan ghaliex irid necessarjament jirrizulta l-partecipazzjoni fil-intenzjoni kriminuza sabiex jiriaffigura 'l hekk imsejjah "common design" mehtieg bejn l-awtur/ko-awturi u l-komplici tieghu/taghhom. Mankanti dan il-pjan pre-ordinat bejn dawn in-nies kompartecipi fil-kummissjoni ta' delitt, kwindi tonqos ukoll ir-reita'. Kif ighallimna l-Professur Anthony Mamo:*

**A merely physical participation in the act without a participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability. In other words, no matter how effectively the act of one person may have helped another in the commission of an offence, the former is not responsible as a co-principal or an accomplice, unless it can be shown that he did the act with the purpose of which another takes advantage to commit an offence, that man does not in any legal sense participate in the offence"**

VERA KOPJA

[17] Deciza nhar is-27 ta' Frar 2019, Qorti ta' l-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Dr Edwina Grima

Skond l-artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Persuna titqies komplici f'delitt jekk hija xjentement, tkun ghenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat".*

Illi jirrizulta illi l-imputat Adrian Ene kien l-awtur ta' dawn ir-reati u ma' jirrizultax illi kien hemm xi terzi nvoluti fit-twettieq ta' dawn ir-reati. Fir-rigward ta' l-imputat Leonard Tanase ma giex ipprovat sal-grad rikjest mill-ligi, illi xjentement ghen jew assista lil awtur Adrian Ene ghax hu qatt ma kien prezenti meta l-imputat Adrian Ene mar jitlob id-donazzjonijiet.

**Ir-raba (4) imputazzjoni**

Illi rigward ir-raba imputazzjoni, l-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi;

*"Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar…."*

Illi l-elementi ta' dan ir-reat gew diskussi fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Joanne Scibberras**[18] fejn giet ikkwotata is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Abela**[19] fejn intqal illi:

"*Għar-rigward tar-reat ta' mizappropriazzjoni referenza ssir għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni**[20], fejn il-Qorti elenkat l-elementi ta' dan ir-reat: "Dana r-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaġa oħra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b' mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor." … Ir-reat ta' appropjrazzjoni indebita jiddistingwi ruhu mir-reat ta' serq ghax l-oggett li jkun jigi moghti lill-agent volontarjament u mhux jittiehed kontra l-volonta' jew minghajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruhu wkoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent.*

Illi l-istess hsieb gie enuncjat fil-kawza fl-ismijiet **"The Police vs Artur Arakelyan"**[21]

[18] Deciza nhar l-10 ta' Jannar 2018 per Onor. Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech

[19] Deciza nhar is-6 ta' Lulju tas-sena 2016 per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli

[20] Deciza 9 ta' Gunju, 1998 Appell Kriminali per Imhallef Dr Vincent De Gaetano

[21] Deciza nhar is-17 ta' Lulju 2013 per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima

VERA KOPJA

*"Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others."*

Illi mix-xhieda moghtija u mill-provi migbura, l-elementi necessarji ta' dan ir-reat ma' jirrizultawx u ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi tali imputazzjoni ma' gietx ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Il-hames (5) imputazzjoni</u>**

Illi rigward il-hames imputazzjoni u cioe' li l-imputati ghexu hajja ta' ghazz u ta' vagabundagg, skond Artikolu 338 (w) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan jirrizulta kemm mill-istqarrija ta' l-imputati, kif ukoll mix-xhieda moghtija minn PC 1227 Malcolm Pace [22] kif ukoll PC 642 Darren Farrugia[23] u PC 733 Leander Spiteri[24] fejn intqal illi minn search li saret fil-Vetturga Volkswagen bi pjanci Germanizi nstab saqqu u diversi oggetti ohra inkluz ammont ta' muniti f'denominazzjonijiet differenti, fejn jidher bic-car illi l-imputati kienu qed jghixu u jorqdu go din il-vettura, u ghalhekk il-Qorti hija konvinta li l-hames (5) imputazzjoni giet ippruvata sal-grad rikjest mill-ligi fil-konfront taz-zewg imputati.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 18, 308, 309, 310(c) u 338(w);

Fir-rigward ta' l-imputat Adrian Ene qed tilliberah minn akkuza numru **erbgha (4),** filwaqt li qieghda ssibu hati ta' **l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u l-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu** u qieghda tikkundanah ghal perjodu ta' **sitt (6) xhur prigunerija effettiva, <u>minn liema terminu ta' prigunerija ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li l-hati gia ghamel taht arrest preventiv.</u>**

---

[22] Fol. 36c et. seq.
[23] Fol.46 et. seq.
[24] Fol. 50 et seq.

VERA KOPJA

Illi fir-rigward ta' l-imputat Leonard Tanase qieghda tilliberah mill-**ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni, filwaqt li qed issibu hati ta' l-imputazzjoni numru hamsa (5) migjuba fil-konfront tieghu** u qed tikkundannah ghal perjodu ta' **xahar (1) detenzjoni, minn liema terminu ta' detenzjoni ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li l-hati gia ghamel taht arrest preventiv.**

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-**Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** il-Qorti tinnota illi fil-kawza odjerna ma nhatar l-ebda espert, u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputati li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat

VERA KOPJA